lifenetwork MALTA
PROTECTING EVERY LIFE | NIPPROTEĠU KULL ĦAJJA

7, Floor 3, Merchant Street
Valletta, VLT1171, Malta
Tel: 7711 5433

**PRESS STATEMENT**

6 ta’ Diċembru 2022

## Il-Life Network Foundation, Doctors for Life u I See Life, bħala l-koalizzjoni Int Tista’ Ssalvani jitolbu laqgħa mal-Prim Ministru

Il-Life Network Foundation, Doctors for Life u I See Life, bħala l-koalizzjoni Int Tista’ Ssalvani, li qed tmexxi l-kampanja kontra l-introduzzjoni tal-Abort f'Malta, innotaw il-kummenti tal-Prim Ministru lill-midja ilbieraħ il-5 ta’ Diċembru 2022, fejn afferma li lest jiddjaloga u jisma' lil kullħadd.

It-tlett organizzazzjonijiet, jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni tal-Prim Ministru li fl-1 ta' Diċembru 2022 bagħtu talba għal laqgħa miegħu, liema ittra qed tiġi annessa ma’ din l-istqarrija, biex jiddiskutu t-tħassib ta’ bosta kif espress nhar il-Ħadd li għadda fil-manifestazzjoni pubblika li għaliha attendew aktar minn 20,000 elf individwu u l-petizzjoni salvani.eu li issa hija qrib il-25,000 firmatarju.

Il-Life Network Foundation, Doctors for Life u I See Life bħala l-koalizzjoni li qed tmexxi l-kampanja kontra l-introduzzjoni tal-Abort f'Malta sal-llum għada ma' rċevietx stedina għal laqgħa.

**Dr. Miriam Sciberras**

**Chairperson, Life Network Foundation**

lifenetwork MALTA
PROTECTING EVERY LIFE | NIPPROTEĠU KULL ĦAJJA

7, Floor 3, Merchant Street
Valletta, VLT1171, Malta
Tel: 7711 5433

**1 ta' Dicembru 2022**

Hon. Prim Ministru
Dr. Robert Abela
Ufficju tal-Prim Ministru
Auberge de Castille
Valletta

Hon Prim Ministru

Il-Life Network Foundation, Doctors for Life u I See Life bħala l-koalizzjoni li qed tmexxi l-kampanja kontra l-introduzzjoni tal-Abort f'Malta, qed tfittex b'urġenza laqgħa miegħek biex nippreżentaw formalment il-pożizzjoni tagħna. Nixtiequ li jkun hemm lok għal djalogu rispettuz u kostruttiv.

Il-Gvern tiegħek, ippreżenta emenda għall-artikoli 241 u 243 tal-Kodiċi Kriminali, li kif presentati jiftħu b'mod inekwivoku l-bieb għall-introduzzjoni tal-abort f'Malta. Jekk l-emenda tal-Gvern issir liġi, l-abort ikun permess għal kwalunkwe raġuni, bil-ġustifikazzjoni li jista' jaffettwa s-saħħa tal-omm "serjament" jew "gravi", u kif ikkonfermat mid-Deputat Prim Ministru fil-Parlament li jinkludu sitwazzjonijiet marbuta mas-saħħa mentali.

Bħalma l-Grupp ta' aktar minn 80 espert fil-mediċina, ix-xjenza, il-politika soċjali u tal-familja, il-filosofija, l-etika, il-psikoloġija u l-liġi, ikkonkludew:

1. L-emenda mressqa mill-Gvern tiftaħ il-bieb għall-abort b'mod legali f'pajjiżna.

2. Fl-emenda tiegħu, il-Gvern ma jitkellimx biss dwar każijiet fejn il-mara tkun f'riskju li tmut, iżda jżid ukoll il-kliem "jew saħħitha f'periklu serju".

3. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u n-Nazzjonijiet Uniti iqisu li l-kelma "saħħa" tfisser ukoll saħħa mentali.

4. Għalhekk, bl-emenda tal-Gvern, tqala tista' tintemm, mhux biss f'każijiet fejn il-ħajja tal-mara tkun f'riskju, iżda wkoll f'każijiet ta' kundizzjonijiet ta' saħħa mentali. Dan ifisser li l-abort se jkun permess jekk mara tkun għaddejja minn xi kundizzjonijiet mentali serji.

F'diversi okkażjonijiet int għamilt dikjarazzjonijiet inekwivoki li saħansitra topponi lil kull min ifittex li jintroduċi l-abort f'Malta u li l-Partit tiegħek fil-Gvern m'għandux mandat biex idaħħal l-abort f' Malta.

Waqt il-konferenza tal-aħbarijiet ħabbartu li l-intenzjoni tal-Gvern kienet biss li jipprovdi protezzjoni lill-professjonisti mediċi u lill-ommijiet tqal li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' theddida serja għall-ħajja taghhom meta jkun jeħtiġilihom intervent mediku u li jista jpoġġi l-ħajja tat-tarbija fil-ġuf f'riskju, dan fil-qafas tal-protokolli mediċi preżenti u l-prattiċi applikati f'sitwazzjonijiet sfortunati bħal dawn sal-lum.

Kif ikkonfermat mill-Hon Ministru Fearne fil-Parlament, l-emenda proposta mill-Gvern qed tmur lil hinn mill-prattiċi attwali u ser tippermetti t-terminazzjoni tal-ħajja ta' tarbija fil-ġuf ta' l-omm f'każijiet ta' saħħa mentali.

Nitolbuk tikkunsidra il-position paper u l-klawsola li pproponew diversi esperti.

Ninsabu inkwetati ferm bir-rapporti fil ġurnali li jkompli jikkonferma dak li qegħdin ngħidu dwar il- klawsola proposta mill-gvern u li anke toħloq diffikulta' lill-President ta'Malta.

Ninsabu inkwetati ferm ukoll minn rapporti fil- media dwar pressjonijiet minn pajjizi oħra fuq Malta.

Għalhekk qed nitolbu laqgħa urġenti miegħek. Nitolbuk li tikkunsidra t-talba tagħna,

Il-ħajja ta' uliedna Maltin u Għawdxin tinsab mhedda.

Saħħa u sliem,

M Sciberras
Chairman Life Network Foundation Malta
chairman@lifenetwork.eu
+356 99446174